Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,895, 22 ta' Lulju, 2022

Taqsima B

A.L. 207 tal-2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 363.178.

Jissostitwixxi l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni dwar Stemmi tal-Kunsilli Reġjonali.".

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

3. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "għall-Kumitati Reġjonali rispettivi," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-Kunsilli Reġjonali rispettivi,".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali.

4. L-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) l-istemmi tar-Reġjun Ċentrali u tar-Reġjun Xlokk għandhom jiġu mħassra; u

(b) wara l-istemma tar-Reġjun tan-Nofsinhar għandhom jiżdiedu l-istemmi ġodda li ġejjin:

"Reġjun Lvant



L-istemma turi fil-Kap ix-Xemx tiela, b'referenza għar-Reġjun Lvant.

Fin-nofs hemm Faxxun Orizzonali fuq liema hemm żagħra ta' laringa li minnha joħorġu erba' frottiet tal-laringġ li jirreferu għal-lokalitajiet minn fejn oriġinaw mill-Parroċċa ta' Birkirkara.

Il-Pont huwa dak tal-Madliena li jfisser l-Għaqda tal-Lokalitajiet ta' mal-kosta, ma' dawk tal-Kampanja.

Is-seba' mewġiet fuq in-naħa t'isfel tat-tarka jirreferu għal Postiijet biswit il-baħar.

Blażun:

Fuq sfond ikħal, pont kulur id-deheb fuq mewġ bojod u blu. Fin-nofs faxxun aħmar imberfel b'bordura tal-fidda. Ġewwa l-faxxun żagħra ta' laringa li minnha joħorġu erba' frottiet tal-laringġ. Fil-Kap jintwera xemx tiela fuq sfond ikħal. Stilla b'seba' ponot kulur id-deheb.

Reġjun Punent



L-Istilla hija l-pjaneta Venus li hija magħrufa bħala ‘L-Istilla tal-Punent’. Il-Kulur tax-Xemx huwa dehbi, li jissimbolizza ġenerożità, fidi u enerġija.

Sfond Aħmar – Kulur is-sema meta jkun ħamrani f’inżul ix-xemx. Dan huwa sinjal ta’ prospetti pożittivi.

Bibien blu fuq ġewwa – Kulur li jinsab ukoll fil-Punent, li jissimbolizza il-paċi, kalma u silenzju tal-Punent ta’ Malta.


Il-Fortifikazzjoni – Il-Fortifikazzjoni tikkonsisti fi grada ewlenija li tissimbolizza l-Belt il-Qadima ta’ Malta, l-Imdina, fuq iż-żewġ naħiet hemm żewġ twieqi li jissimbolizzaw iż-żewġt ibliet l-oħra li huma Siġġiewi u Żebbuġ. Fuq nett hemm seba’ lazzijiet li jissimbolizzaw is-seba’ lokalitajiet l-oħra li huma parti mir-Reġjun Punent. Dan juri l-għaqda ideali bejn l-ibliet u l-lokalitajiet tar-Reġjun għal benefiċċju taċ-ċittadini tal-Punent.

Il-fortifikazzjoni kulur id-deheb tfisser – Ġenerożità, Fidi, Enerġija kif ukoll saħħa.

Blażun:

Fuq sfond aħmar, swar kulur id-deheb u b’seba’ merli wkoll tal-istess lewn. Is-Swar għandu bieb miftuħ u żewġ twieqi kull naħa kulur blu. Fil-Kap hemm stilla b’seba’ ponot kulur id-deheb.

Reġjun Port



Sitt tarki *Gules* tal-arġent irranġati *fesswise* (3,2,1), fuq *chief Sable* taħt tliet kuruni murali ta' tliet turretti rranġati *fesswise* żewġ kuruni murali ta' erba' turretti irranġati simili kollha tad-Deheb.

Fuq it-tarka hemm kuruna murali ta' ħames turretti tad-Deheb.

F'din l-Arma, it-tarki jirrappreżentaw is-sitt villaġġi li huma membri tal-Kunsill Reġjonali Port, li huma Furjana, Kalkara, Fgura, Paola, Tarxien u Xgħajra, il-kuruni murali ta' tliet turretti jirrappreżentaw it-tlett ibliet żgħar li huma membri ta' dan il-Kunsill, li huma Bormla, Isla u Żabbar filwaqt li l-kuruni murali ta' erba' turretti jirrappreżentaw iż-żewġ ibliet akbar li huma membri tal-imsemmi Kunsill, li huma Valletta u l-Birgu.".